MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2002

Numru 51/2002

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Martin Bayliss)**

**vs**

**Christian Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Cristian Zahra ta' 27 sena bin Louis u Giovanna nee' Sultana imwieled Pieta' u residenti 27, Triq Santa Rita, Sliema, detentur ta' karta ta' identita numru 152974(m) akkuzat talli:

1. nhar it-Tlieta, cioe l-4 ta' Dicembru 2001, xi hin bejn is-6.30p.m. u s-7.00p.m. mill-fond Exotique Record Store li jinsab fit-Triq Manwel Dimech, gewwa tas-Sliema, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Alcatel li jiswa aktar minn Lm10 (ghaxar liri maltin) ghad-dannu ta'

Grace Borg u liema serq huwa aggravat bil-ksur, bil-lok u kif ukoll bil-hin, u dan kollu ai termini ta’ l-Artikoli 264, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, hekk kif gja indikat fl-ewwel akkuza, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioe’ mobile phone tal-marka Alcatel, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan kollu ai termini ta’ l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. aktar talli fil-5 ta’ Dicembru 2001, xi hin bejn is-6.30p.m. u s-7.00p.m. bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi mill-fond Exotique Record Store li jinsab Triq Manwel Dimech, gewwa tas-Sliema, ipprova jisraq mobile phone tal-marka Samsung, li jiswa aktar minn Lm100 (mitt lira maltin) izda anqas minn Lm150 (mija u hamsin liri maltin) ghad-danna ta’ Grace Borg, u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan kollu ai termini ta’ l-Artikolu 41, 264, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. aktar talli nhar it-Tlieta u cioe l-4 ta’ Dicembru 2001, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) [illum 40(A)] u 89(a) [illum 120(A)] u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat; il-Qorti mitluba sabiex titratta mal-imputat talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn fid-29 ta’ Jannar 2001 kien liberat mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D. li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena wara li kien instab hati dwar serq u pussess ta’ droga eroina.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom xjaqsmu maghha (Kap 31) sabiex l-imputat iwiegeb ghall-

ahhar akkuza quddiem din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-akkuzi l-ohra jinstemghu sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat il-qorti qeghdha issibu hati tar-reati kontrih dedotti. Wara li semghet l-abbli difensur tieghu jittratta dwar il-piena u kkonsidrat l-precedenti tieghu u l-ammissjoni f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, hi tal-fehma li titratta mal-imputat bil-mod segwenti, wara li qeghdha tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti:

1. billi tikkundannah multa ta' Lm100 fil-konfront tar-raba akkuza wara li rat l-Artikolu 40(A), 120(A) u t-tielet skeda tal-Kap 31, ir-regolament 5 (i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 u l-Artikolu 10 tal-Kap 152;

2. billi wara li kkonsidrat illi t-tieni akkuza hija in alternattiva ghall-ewwel akkuza, u rat fil-konfront ta' din l-akkuza u t-tielet akkuza, l-Artikolu 261(b)(c)(e)(f), 264, 267, 269, 270, 278(2)(3), 279, 41, 31 u 17 tal-Kap 9, li tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin millum taht il-harsien ta' Godwin Steer u taht il-kundizzjonijiet imsemmija fil-formula annessa li ghandha tifforma parti ntegrali ta' din is-sentenza.

Il-qorti rat ukoll is-subinciz 5 tac-citat Artikolu 5 tal-Kap 152 u qabel ma ghamlet l-infraskritta ordni ta' probation spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu risultanti mill-ordni.

---------------------------------TMIEM---------------------------------